MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Numru. 803/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs.**

**Shaunvic Felice**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Shaunvic Felice**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Victor u Antoinette neé Camilleri, imwieled il-Pieta' nhar il-11 ta' Dicembru 1989, u residenti Blk 14A, Flat 1, Triq il-Fontanier, Qormi, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 12990(M) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' Lulju 2011, ghall-habta ta' nofs il-lejl u ghoxrin ta' filghodu (00.20hrs), waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla

Jaguar bin-numru ta’ registrazzjoni XON 113, fi Triq it-Torri, Sliema:

1. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna feriti gravi fuq il-minuri ta’ Martin Quam hekk kif ccertifikat minn Dr. Krystle Blaire Theuma tal-Isptar Mater Dei;

2. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jieqaf wara li kien involut f’incident li kien jinvolvi offiza fuq persuna ohra;

3. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta t-triq kienet immarkata b’linji bojod paralleli jew bi *studs* matul il-wisa’ taghha jew b’sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu ta’ nies bil-pass, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni XON 113 waqt li kien riesaq lejn passagg naqas li jimxi bil-mod u jekk kien hemm bzonn jieqaf;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq jew ipprova jsuq jew kellu taht il-kontroll tieghu vettura numru XON 113 tal-ghamla Jaguar fi triq jew post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb, u aktar talli gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan naqas jew irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs skond il-ligi;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq *motor-car* jew vettura ohra u cioé bin-numri ta’ registrazzjoni XON 113 b’nuqqas ta’ kont, bla hsieb, bi traskuragni jew b’mod perikoluz;

6. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni XON 113 saq b’velocita’ li eccediet il-limiti tal-velocita’ fl-ibliet u l-irhula;

7. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta’ filghodu (00.45 hrs) irrifjuta jaghti, jew jaghti falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun

jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra;

8. f'dawn l-ahhar xhur, f'dawn il-Gzejjer saq *motor-car* jew vettura ohra u cioé bin-numru ta' registrazzjoni XON 113 minghajr licenzja tas-sewqan;

9. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq vettura bil-mutur fit-toroq u cioé il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni XON 113 ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuna;

10. sar recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lil Shaunvic Felice milli jkollu jew jottjeni xi licenzja/i tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidhirlha xieraq.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li, barra li tinfliggi l-piena ghar-reati msemmija hawn fuq, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez *a tenur* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-atti tal-inkjesta magisterjali ezebita fl-atti processwali (*a fol.* 111 *et seq.*)

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 24 ta' Frar 2012 (*a fol.* 339) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 225, 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Regolament 67(1) tal-Avviz Legali 128 ta' l-1994 kif sussegwentement emendat;
(c) Regolament 89 tal-Avviz Legali 128 ta' l-1994 kif sussegwentement emendat;

(d) Artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Regolament 127 tal-Avviz Legali 128 ta' l-1994 kif sussegwentement emendat;
(g) Artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) Artikoli 17 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 367), l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota datata 24 ta' Frar 2012 (*a fol.* 339) u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta li huwa hati tal-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota datata 24 ta' Frar 2012 (*a fol.* 339) u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati. Ghandu jinghad li l-imputat ser jigi liberat mill-ghaxar (10) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu (cioé dik tar-recidiva) *stante* li ma gewx indikati l-artikoli f'dan ir-rigward fin-nota kontenenti l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina

penali tal-imputat (Dok. “AM 2” – *a fol.* 12) u l-fatt li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. M’hemmx dubju pero li l-imputat m’huwiex ser jibbenifika kompletament mill-fatt li huwa irregistra ammissjoni u dana *stante* li din l-ammissjoni giet registrata **biss** wara li l-Prosekuzzjoni kienet ddikjarat il-provi taghha maghluqa, u cioé l-ammissjoni tal-imputat giet registrata fi stadju avvanzat ferm ta’ dawn il-proceduri. In vista ta’ dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata sentenza ta’ prigunerija sospiza bil-ghan li jaghraf li dak li ghamel huwa hazin hafna bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ghaxar (10) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara rat in-Nota ta’ Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 24 ta’ Frar 2012 u senjatament Artikoli 17, 225, 226(1)(b) u 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 15(1)(a), 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Regolamenti 67(1), 89 u 127 tal-Avviz Legali 128 ta’ l-1994, kif sussegwentement emendat, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin.

Il-Qorti tordna wkoll li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta’ tmien (8) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta' elfejn, mija u disgha u erbghin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€ 2149.48) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------